

Inventarju 2011

I. Introduzzjoni

Dan huwa l-ħames inventarju pubbliku tal-KEPD bħala konsulent dwar proposti għal-leġislazzjoni tal-UE u dokumenti relatati. L-inventarju jagħmel parti miċ-ċiklu annwali ta' ħidma tal-KEPD. Darba fis-sena, il-KEPD jirrapporta b'mod retrospettiv l-attivitajiet tiegħu fir-Rapport Annwali. Barra minn dan, il-KEPD jippubblika inventarju dwar l-intenzjonijiet tiegħu fil-qasam tal-konsultazzjoni għas-sena li jmiss.

L-isfond ta' dan l-inventarju jista' jinstab fid-Dokument ta' Politika tat-18 ta' Marzu 2005, "Il-KEPD bħala konsulent għall-Istituzzjonijiet tal-komunità dwar proposti għal-leġislazzjoni u dokumenti relatati".¹ F'dan id-dokument, il-KEPD stabbilixxa l-politika tiegħu fil-qasam tal-konsultazzjoni dwar proposti leġislattivi, b'wieħed mill-kompiti prinċipali tiegħu bbażat fuq l-Artikoli 28(2) u 41 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Il-metodu ta' ħidma tal-KEPD huwa deskritt fil-Kapitolu 5 tad-Dokument ta' Politika. Parti importanti minn dan il-metodu ta' ħidma hija l-għażla u l-ippjanar (inkluża reviżjoni regolari ta' din l-għażla u l-ippjanar), meħtieġa sabiex bħala konsulent ikun effikaċi.

Bħas-soltu, is-sorsi prinċipali tal-inventarju ta' din is-sena huma l-Programm Leġislattiv u ta' Ħidma 2011 tal-Kummissjoni, iżda wkoll il-Pjan ta' Azzjoni li jimplementa l-Programm ta' Stokkolma, l-Aġenda Diġitali tal-Kummissjoni għall-Ewropa kif ukoll dokumenti ta' ppjanar rilevanti oħrajn tal-Kummissjoni. L-inventarju tħejja mill-Persunal tal-KEPD. Matul il-proċess ta' tħejjija, il-partijiet interessati fil-Kummissjoni ngħataw il-possibbiltà li jagħtu sehemhom. Dan huwa apprezzat ħafna.

L-inventarju jikkonsisti minn żewġ dokumenti:

- Din il-parti introduttorja li tinkludi analiżi qasira tal-kuntest, kif ukoll il-prijoritajiet tal-KEPD għall-2011.
- Anness tal-proposti rilevanti tal-Kummissjoni u dokumenti oħrajn li ġew adottati reċentement jew li huma pprogrammati, u li jeħtieġu l-attenzjoni tal-KEPD.

L-anness ġie ppubblikat għall-ewwel darba f'Diċembru 2006 u normalment ġie aġġornat tliet darbiet fis-sena minn dak iż-żmien².

Ladarba l-KEPD ikun ta l-opinjoni tiegħu (jew reazzjoni pubblika oħra) dwar dokument, id-dokument normalment jiħassar mill-Anness. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-involvement tal-KEPD fil-proċess leġislattiv ma jieqafx hekk kif tinħareġ l-opinjoni tiegħu.

¹ Jinstab fuq il-websajt tal-KEPD taħt "Il-KEPD" >> "Publikazzjonijiet" >> "Dokumenti".

² Minbarra Diċembru, fil-prinċipju, l-aġġornament isir f'Mejju u f'Settembru.

F'każijiet eċċezzjonali, is-suġġett jista' jerġa' jidher fl-Anness, fejn il-KEPD biħsiebu joħroġ it-tieni opinjoni. L-opinjoni jiet tal-KEPD jistgħu jinstabu wkoll fuq il-websajt tiegħu.³

II. Analiżi qasira tal-kuntest

Minħabba l-pubblikazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010 u l-Pjan ta' Azzjoni li jimplementa l-Programm ta' Stokkolma f'Marzu u April rispettivament, l-inventarju tas-sena l-oħra ġie ppubblikat aktar tard mis-soltu, jiġifieri f'Ġunju minflok f'Diċembru. Għaldaqstant, sitt xhur biss għaddew minn dik il-pubblikazzjoni. Bosta mill-inizjattivi inklużi fl-Inventarju tal-2010 nġiebu wkoll 'l quddiem u/jew ser ikomplu jiġu segwitu mil-leġiżlaturi tal-UE fl-2011.

Bħala konsegwenza ta' dan, ix-xejriet u l-prijoritajiet prinċipali identifikati fl-Inventarju tal-2010 jistgħu fil-biċċa l-kbira, jitqiesu wkoll validi illum. Madankollu, saru xi żviluppi importanti matul l-aħħar sitt xhur prinċipalment minħabba riżultat ta' komunikazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni. Hija adottat Komunikazzjoni rigward approċċ komprensiv dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea⁴, Komunikazzjoni dwar l-Aġenda Diġitali tal-Ewropa⁵, kif ukoll diversi komunikazzjonijiet bħala l-bidu tal-implimentazzjoni tal-kapitoli tal-Programm ta' Stokkolma dwar l-iskambju ta' informazzjoni.⁶ Żvilupp importanti ieħor huwa li ġew stabbiliti passi sinifikanti lejn in-negozjati ta' ftehimiet dwar il-protezzjoni tad-dejta ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari mal-Istati Uniti dwar ftehim ġenerali UE-Stati Uniti dwar il-protezzjoni tad-dejta kif ukoll ma' ftit pajjiżi terzi oħrajn dwar il-PNR.

B'Segwitu għad-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009 tat-Trattat tal-Lisbona tneħħiet l-istruttura preċedenti ta' pilastru, li gābet bidliet fundamentali fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. L-ambjent legali ġdid wara Lisbona kellu wkoll konsegwenzi għall-attivitajiet tal-KEPD. Fir-rwol tiegħu bħala konsulent leġiżlattiv, il-prattika attwali li fiha l-KEPD jagħti parir lil-leġiżlatur dwar attivitajiet leġiżlattivi b'rilevanza għall-protezzjoni tad-dejta fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE hija kkonfermata.

a. Lejn qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-dejta

Id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta ġie enfasizzat u rinforsat bit-Trattat ta' Lisbona. Id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta huwa stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali li issa għandha l-istess valur legali bħat-trattati. Barra minn hekk, dan id-dritt huwa stabbilit fl-Artikolu 16 tat-TFUE li issa jikkostitwixxi l-unika bażi legali għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta. Din il-bażyi legali ġdida tat spinta importanti lid-diskussjoni dwar ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta. Fl-4 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni li tistabbilixxi approċċ komprensiv dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni identifikat diversi kwisjoni jiet u objettivi ewlenin għar-reviżjoni futura, inklużi bidliet immirati bl-għan li jissaħħu d-drittijiet tal-individwi, titjeb id-dimensjoni tas-suq intern tal-protezzjoni tad-dejta, tiġi riveduta l-protezzjoni tad-dejta fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, tiġi ffaċċjata aħjar il-globalizzazzjoni u tingħata spinta lill-infurzar. Il-KEPD jilqa' l-inizjattiva tal-

³ Taħt 'Konsultazzjoni' >> 'Opinjoni jiet'.

⁴ COM (2010) 609 finali.

⁵ COM (2010) 245 finali.

⁶ Eżempju COM (2010) 386 finali dwar il-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu, COM (2010) 385 finali, dehra ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam FSJ, COM (2010) 673 finali, dwar l-Istrateġija tas-Sigurtā Interna tal-UE fl-Azzjoni".

Kummissjoni. Il-KEPD jemmen bil-qawwa li l-proposta jew proposti leġiżlattivi li ser isegwu għandhom ikunu ambizjużi bl-istess mod u fil-fatt għandhom isaħħu l-effikaċja tal-istrumenti tal-protezzjoni tad-dejta. B'mod partikolari, il-KEPD jhegġegħ l-idea tat-tisħiħ tar-regoli attwali dwar il-protezzjoni tad-dejta u jappoġġa l-inklużjoni tat-test leġiżlattiv ġdid fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja (li attwalment qed jiġi ttrattat fid-Deċiżjoni Qafas separata 2008/977/ĠAI). Fl-2011 hija mistennija proposta għal qafas legali ġdid. Il-qafas legali ġdid dwar il-protezzjoni tad-dejta huwa wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-KEPD fl-2011.

b. L-iżvilupp ulterjuri tal-Ispazju tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

F'Diċembru 2009, ġie adottat il-Programm ta' Stokkolma. Il-Programm huwa s-suċċessur tal-Programm tal-Aja u jstabilixxi l-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-Ispazju Ewropea tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja fil-ħames snin li ġejjin. Il-Programm ta' Stokkolma jišhaq dwar il-ħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta personali f'soċjetà globali li hija kkaratterizzata minn tibdil teknoloġiku mgħaġġel u minn skambju bla fruntieri ta' informazzjoni.

Il-programm jissottolinja wkoll il-ħtieġa għall-iskambju ta' dejta għas-sigurtà tal-Ewropa, u jintroduċi l-iżvilupp ta' Strateġija ta' Sigurtà Interna. Fl-iżvilupp tal-Qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, il-leġiżlatur Ewropew irid il-ħin kollu jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn is-sigurtà u l-moviment liberu taċ-ċittadini min-naħa waħda, u l-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta personali tagħhom min-naħa l-oħra. Il-Komunikazzjonijiet dwar l-iskambju tal-informazzjoni msemminjin hawn fuq jindikaw li l-Kummissjoni tieħu dan l-impenn b'mod serju.

Mhemmx bżonn li wieħed joqgħod jgħid li l-passi kollha mħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Stokkolma u fid-diversi komunikazzjonijiet dwar din il-kwistjoni ser jiġu segwiti mill-qrib mill-KEPD. Il-KEPD jixtieq isemmi b'mod partikolari l-istabiliment ta' sistema ta' dħul-ħruġ u l-Programm tal-Vjaġġaturi Registrati, id-Direttiva prevista dwar l-użu tal-PNR għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, l-introduzzjoni ta' TFTP Ewropew, il-ħolqien ta' EUROSUR, il-possibbiltà ta' UE-ESTA u l-użu tal-iskanners tas-sigurtà fl-ajruporti. Dawn l-inizjattivi kollha għandhom implikazzjonijiet importanti għall-protezzjoni tad-dejta. Huwa ser isegwi wkoll mill-qrib in-negozjati għal ftehimiet dwar il-protezzjoni tad-dejta ma' pajjiżi terzi. L-aħħar u mhux l-inqas, il-KEPD ser jipparteċipa b'mod attiv fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta u jara jekk tiġix stabbilita l-ħtieġa għal tali Direttiva u l-proporzjonalità ta' tali miżura.

c. Żviluppi teknoloġiċi: l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa

F'Mejju 2010 l-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar Aġenda Diġitali għall-Ewropa. L-aġenda diġitali tistabilixxi prijoritajiet sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-internet b'veliċità għolja u sabiex tisfrutta l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali fid-djar u l-postijiet tax-xogħol. Ħafna mill-inizjattivi mħabbirin relatati mal-aġenda diġitali jista' jkollhom rilevanza sinifikanti għall-protezzjoni tad-dejta, bħall-qafas għal identità elettronika (eID) u l-awtentikazzjoni u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni dwar is-settur pubbliku. Il-KEPD ser ikompli wkoll isegwi l-proposti li jipprevedu l-introduzzjoni ta' teknoloġija ġdida f'oqsma bħat-trasport fit-triq (il-pakkett tal-mobbiltà elettronika) u l-enerġija (l-użu ta' kejbils intelliġenti). Barra minn hekk, huwa ser jagħti ħarsa lejn il-Komunikazzjoni dwar il-privatezza u l-fiduċja fl-Ewropa diġitali u r-Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-tagħmir tar-radju u t-telekomunikazzjoni.

d. Oqsma oħra

Bħala regola ġenerali, il-KEPD ser jibqa' vigilantu fir-rigward tal-inizjattivi l-oħra kollha li jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-protezzjoni tad-dejta. Fl-2011, il-KEPD ser iħares b'mod partikolari lejn l-inizjattivi l-ġodda fil-qasam tat-trasport, inkluż fost oħrajn l-inizjattiva tal-iskanners tal-ġisem. Huwa ser jiffoka wkoll fuq skambji tad-dejta fuq skala kbira, li jistgħu jseħħu fis-sistema IMI (Informazzjoni dwar is-Suq Intern) u s-Sistema ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u fil-qafas tal-proġett tal-Ġustizzja elettronika. Ser ikompli jagħti input fid-diskussjonijiet dwar regolament ġdid għat-trasparenza, safejn jirrigwarda l-protezzjoni tad-dejta. Dawn id-diskussjonijiet huma ferm aktar importanti wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ tal-Bavarian Lager⁷.

III. Prijoritajiet tal-KEPD għall-2011

Il-politika tal-KEPD bħala konsulent dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE u d-dokumenti relatati mhijiex ser tinbidel. Il-konsistenza tar-riżultati hija kruċjali, li permezz tagħha l-KEPD jistinka sabiex isib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-protezzjoni tad-dejta u interessi (pubbliċi) oħrajn. Bħal fis-snin preċedenti, il-KEPD biħsiebi jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti leġiżlattivi kollha li għandhom impatt sostantiv fuq il-protezzjoni tad-dejta. Il-KEPD jista' jħares ukoll lejn miżuri mhux leġiżlattivi kull meta dawn iqajmu kwistjonijiet sostanzjali dwar il-protezzjoni tad-dejta. Din li ġejja hija lista mhux esklużiva tal-kwistjonijiet prinċipali li fuq x'aktarx ser jikkonċentra l-KEPD matul l-2011:

- a. Lejn qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-dejta
 - Reviżjoni tal-qafas tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta
 - Reviżjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta fil-livell tal-UE.
 - Finalizzazzjoni tal-ħidma li għaddejjja fl-oqsma prinċipali li ġejjin: kjarifika tal-idea ta' 'kontabbiltà' u 'kunsens' u l-kwistjoni tal-liġi u l-ġurisdizzjoni applikabbli (flimkien ukoll mal-Awtoritajiet nazzjonali tal-Protezzjoni tad-Dejta, fil-qafas tal-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma).
- b. Żvilupp ulterjuri tal-Ispazju tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
 - UE-PNR
 - UE TFTP
 - Rviżjoni tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta
 - Ġestjoni tal-fruntieri u sistema ta' dħul-ħruġ
 - Programm tal-vjaġġatur reġistrat (RTP)
 - UE-ESTA
 - EUROSUR
 - Terroriżmu u l-iffriżar ta' fondi
 - Negożjati dwar ftehimiet ma' pajjiżi terzi dear il-protezzjoni tad-dejta
- c. Żviluppi teknoloġiċi u l-Aġenda Diġitali
 - Komunikazzjoni dwar il-Privatezza u l-Fiduċja fl-UE diġitali
 - Pakkett tal-Mobbiltà elettronika
 - Qafas regolatorju dwar kejbils intelliġenti
 - Reviżjoni tad-direttiva dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni dwar is-settur pubbliku

⁷ Każ C-28/08, *Kummissjoni Ewropea v Il-Bavarian Lager*, għadu mhux ippubblikat Ġabra.

- Revizzjoni tad-Direttiva dwar it-tagħmir tar-radju u t-telekomunikazzjoni
- d. Oqsma oħra
- Inizjattivi fil-qasam tat-trasport (inkluż l-użu tal-iskanners tal-ġisem)
 - Kooperazzjoni doganali
 - Ġustizzja elettronika, IMI u CPCS
 - Revizzjoni tar-Regolament dwar it-Trasparenza.

Brussell, Diċembru 2010